MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 429/2004

**M. Demajo & Company Limited C2523**

**Vs**

**Tyre Services Limited C 6491**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet Illi:

Peress illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf, seba' mija u tlettax il-lira (Lm24,713) bilanc ta' somma akbar prezz

ta' merci konsistenti f'*tyres* lilha, mibjugha kkonsenjati mis-socjeta' attrici.

Peress illi sa l-ahhar ta' Dicembru 2001 is-socjeta' konvenuta kellha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlettax il-elf, tmien mija u tlieta u tletin lira (Lm13,833) in linea ta' imghax fuq il-prezz tal-merci li hi xtrat kif fuq inghad minghand is-socjeta' attrici.

Peress illi s-socjeta' konvenuta nonostante l-fatt li giet diversi drabi nterpellata sabiex thallas dawn il-flus baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta l-ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandux minn din il-Qorti:

1. Tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' erbgha u ghoxrin elf, seba' mija u tlettax il-lira (Lm24,713).

2. Tigi kkundanata thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' tlettax il-elf tmien mija u tlieta u tletin lira (Lm13,833).

3. Jigi likwidat l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici bhala imghax fuq is-somma ta' Lm24,713 imsemmija fl-ewwel talba mill-1 ta' Jannar 2002, sal-gurnata tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni.

4. Tigi s-socjeta' konvenuta kkundannata thallas lis-socjeta' attrici din is-somma hekk likwidata in linea ta' imghax.

5. Tigi s-socjeta' konvenuta kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-imghax ulterjuri mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni fuq is-somma ta' Lm24,713 sad-data ta' l-effettiv pagament.

6. Tigi s-socjeta' konvenuta kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-interessi komposti ta' tmienja fil-mija fis-sena fuq is-somma likwidata fit-tielet talba mill-gurnata tal-

prezentata ta’ din ic-citazzjoni sal-gurnata tal-pagament effettiv u dan ai termini ta’ l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili.

7. Jigi likwidat l-ammont dovut mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici bhala imghax fuq is-somma ta’ Lm13,833 imsemmija fit-tieni talba mill-1 ta’ Jannar 2002 sal-gurnata tal-prezentata ta’ din ic-citazzjoni.

8. Tigi s-socjeta’ konvenuta kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici din is-somma hekk likwidata in linea ta’ imghax.

9. Tigi s-socjeta’ konvenuta kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici l-imghax ulterjuri mid-data tal-prezentata ta’ din ic-citazzjoni fuq is-somma ta’ Lm13,833 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

10. Tigi s-socjeta’ konvenuta kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici l-interessi komposti ta’ tmienja fil-mija fis-sena fuq is-somma likwidata fis-seba’ talba mill-gurnata tal-prezentata ta’ din ic-citazzjoni sal-gurnata tal-pagament effettiv u dan ai termini ta’ l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta, ir-rapprezentanti ta’ liema socjeta’ f’proceduri gudizzjarji hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process.

Rat in-nota **tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta** a fol. 9 tal-process fejn esponiet:

(1) Illi huma m’ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta’ attrici stante li kull debitu li huma kellhom ma’ *M. Demajo Holdings Limited* gie saldat b’pagamenti u dan kif jirrizulta mid-diversi kambjalijiet imhallsa mill-istess konvenuti hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti TS1 sa TS31.

(2) Illi noltre t-talbiet maghmula fic-citazzjoni odjerna saru inutilment u huma doppji u ghalhekk l-ispejjez ta’ l-istess talbiet ghandhom ikunu a kariku ta’ l-istess attur.

(3) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet;

**TALBA**

Is-socjeta’ attrici qed titlob is-somma ta’ Lm24,713 bilanc ta’ prezz ta’ *tyres* mibjugha lis-socjeta’ konvenuta u Lm13, 833 imghax sa l-ahhar ta’ Dicembru 2001 fuq il-merci mibjugha u imghax ulterjuri.

**ECCEZZJONIJIET**

Is-socjeta’ konvenuta qed teccepixxi l-pagament, li l-imghax mhux dovut u li saru talbiet doppji fic-citazzjoni.

**KONTESTAZZJONI**

Is-socjeta’ attrici ssostni li t-talba taghha hija bazata fuq skrittura li saret bejn il-partijiet fit-30 ta’ April 2002 (ara fol 248) fejn is-socjeta’ konvenuta tramite ir-rapprezentant taghha Joe Scicluna ddikjarat li l-bilanc dovut kien ta’ Lm36,386.

Is-socjeta’ attrici tissottometti li l-kambjali ezibiti mis-socjeta’ konvenuta Dok TS1 TS 31 gew kancellati qabel l-iskrittura imsemmija, u dawn ma kienux imhallsa imma kancellatti. Inotlre rrizulta li Joe Scicluna jaccetta li hu m’ghandu ebda ricevuti wara t-30 ta’ April 2002. (ara xiehda a fol 265). Barra minn hekk skond l-ittra mibghuta mill-legali tas-socjeta’ konvenuta fit-2 ta’ April 2004 din kienet talbet zmien biex tkun tista’ thallas l-ammont dovut, u mhux li kienet hallset kollox.

Dwar l-eccezzjoni li saru talbiet doppji s-socjeta’ attrici tirritjeni li hi ma ghamlet ebda talbiet doppji izda imxiet fuq dak li jitlob l-artikolu 1142 tal-Kap 16 u kellha kull dritt li titlob imghax fuq imghax.

Min-naha l-ohra s-socjeta’ konvenuta tissottometti li s-socjeta’ attrici m’ghandhiex tnaqqas id-*discount* li kienet taghtha. Issostni wkoll li imghax kompost mhux dovut billi mhux miftiehem u skond l-iskrittura a fol 248 l-imghax kellu jkun wiehed sempici ta’ 7%  u dana mid-data tac-citazzjoni kif qed jintalab fid-disa’ talba. Inoltre s-socjeta’ konvenuta ssostni li saru diversi talbiet inutili u ripetuti u intizi biss biex ikabbru l-ispejjez.

Kwantu ghall ammont mitlub fic-citazzjoni s-socjeta’ konvenuta tikkontendi li  kienet ghamlet diversi pagamenti u allavolja l-kambjali gew kancellati ghax imhallsa, xorta wahda baqghu jidhru bhala dovuti fir-*records* tas-socejta’ attrici. Kien hemm ukoll okkazzjonijiet ohra fejn kienu jsiru pagamenti parzjali u l-kambjala baqghet tidher bhala li mhux imhallsa u valida.

**PROVI**

Jirrizulta mill-provi li s-socjeta’ konvenuta kienet tixtri ammonti sostanzjali ta’ merci minghand is-socjeta’ attrici u meta s-socjeta’ konvenuta kienet taqa’ lura fil-hlas jew akkumula dejn, kien isir *rescheduling* tal-pagamenti billi l-kambjali ezistenti kienu jigu kkancellati u jinhargu kambjali godda favur is-socjeta’ M. Demajo (Holdings) Limited. Fis-sena 2002 id-dejn tas-socjeta’ konvenuta kien lahaq livell mhux accettabbili ghas-socjeta’ attrici u ghalhekk il-kambjali li kien hemm qabel kienu gew kollha kancellati kollha u saret l-iskrittura a fol 248.

Is-socjeta’ attrici issostni li n segwitu s-socjeta’ konvenuta ma onoratax l-ftehim tat-30 ta’ April 2002 u ghalhekk ghamlet dina l-kawza fejn qed titlob Lm22,312.90 skond *statement* datat 12/10/2004 a fol 37; Lm2,160 *discount* mhux mishoqq; Lm13,833  bhala imghax skond skrittura a fol 248 u imghax ulterjuri skond it-talba fic-citazzjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Pagament**

Is-socjeta’ konvenuta qed teccepixxi l-pagament u ghalhekk l-oneru tal-prova hu fuqha biex tipprova li l-ammont pretiz thallas. Meta tinghata eccezzjoni simili l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi risolut favur l-attur u fin-nuqqas ta’ ricevuta ghandha tipprevalli l-prezunzjoni li d-dejn ma thallasx. (Joseph Borg noe vs Norman Buckle noe et PA 12/12/02 Citaz Nru 672/1992; Andrew Dalli vs M. Balzan noe PA 31/1/2003 Citz 187/1990).

Is-socjeta konvenuta sostni li l-bilanc mitlub fic-citazzjoni huwa kopert bil kambjali li hija esebiet. Minn ezami tad-dokumenti ezibiti pero’ jirrizulta li l-kambjali ezebiti huma kollha datati 1997 u 1998 cjoe antecedenti ghall-ftehim li sar fit-2002. Kambjali jew rcevuti ohra wara dak il-ftehim Joe Scicluna xehed li m’ghandux. Lanqas ma saret prova mis-socjeta’ konvenuta li saru xi pagamenti wara it-2002.

Is-socjeta’ konvenuta tinsisti li l-kambjali li ezebit huma mhallsha ghalkemm fuqhom hemm miktub li huma *cancelled* u li dawn ma deherux fir-registri tas-socjeta’ attrici.

L-atturi xehdu li s-socjeta’ konvenuta qatt ma hallset kambjala shiha imma kienu jhallsu *on account* u l-ammont kien jizdied bhala ammont intier, allura s-socjeta’ konvenuta ma tistax tispecifika, kif fil-fatt ma ghamlitx fil-kors tal-kawza, liema kambjala partikolari qed tippretendi li hi imhallsa.

Is-socjeta’ attrici spjegat ghaliex il-kambjali gew immarkati bhala *cancelled* u mhux *paid* u f’liema cirkostanza. Il-Qorti taqbel mas-socjeta’ attrici li l-kambjali li pprezentat is-socjeta’ konvenuta huma *cancelled* u mhux imhallsha

(ghalkemm hemm wahdiet li kienu mhallsa in parte) billi dawn kienu jifformaw parti mir-*rescheduling* li sar. Is-socjeta’ attrici kkancellat il-kambjali li kien hemm pendenti u s-socjeta’ konvenuta kkostitwiet ruhha debitrici ghall ammont indikat fl-iskrittura. Kien sar ezercizzju bejn il-partijiet fejn kienu saru laqghat u sar rendikont mal-konvenuti u l-*accountants* taghhom u nstab Il-bilanc dovut mis-socjeta’ konvenuta u l-partijiet iffirmaw.

Inoltre s-socjeta’ konvenuta ma tistax targumenta li kien hemm kambjali li ma dahlux fir-registri tas-socjeta’ attrici, billi l-kambjali ezibiti, li kollha huma kollha datati qabel it-2002, gew kancellati bil-kunsens tas-socjeta’ konvenuta u sar il-ftehim gdid.

Dwar l-allegazzjoni tas-socjeta’ konvenuta li David Debono, rapprezentant tas-socjeta’ attrici kien ihawwad, il-Qorti tirrileva li jidher li jekk kien hekk, dan ma ghamilx hekk wahdu, imma bil-partecipazzjoni ta’ haddiehor li akkomodah. Ma ngabet ebda prova mill-konvenuti li dan David Debono ha xi flus tas-socjeta’ konvenuta u m’ghaddihomx lis-socjeta’ attrici. Inoltre jigi osservat li meta sar il-ftehim tat-2002 Debono kien prezenti wkoll u jekk is-socjeta’ konvenuta kellha xi pretenzjoni kontra tieghu ma messietx accettat li tiffirma l-ftehim imsemmi. Il-Qorti tirrileva li l-iskrittura li s-socjeta’ konvenuta ezebit a fol 257 saret fil-1998 qabel dan il-ftehim u li s-socjeta’ konvenuta mhux qed tippretendi li harget dawk il-flus hi.

Jirrizulta finalment li s-socjeta’ attrici fis-26 ta’ Marzu 2004 kienet kitbet lis-socjeta’ konvenuta (ara Dok HMD2 a fol 249) fejn talbita biex thallas, u meta wiegbet, is-socjeta’ konvenuta mkien ma ssemmi li d-dejn kien kollu mhallas anzi tghid li presentement ma kienitx f’posizzjoni li taghmel pagamenti. (ara fol 250).

**Talbiet doppji**

Is-socjeta’ attrici permezz tal-*financial director* taghha (ara fol 246) spjegat fid-dettal f’hiex jikkonsistu t-talbiet taghha u l-ammonti li qed titlob.

Jidher li s-socjeta’ konvenuta qed toggezzjona li jitnaqqsilha d-*discount* ta’ Lm2,160 li nghata meta sar il-ftehim, izda l-Qorti ma tarax kif is-socjeta’ konvenuta tista’ tippretendi li tinghata dana d-*discount* meta hija ma onoratx il-ftehim u *discount* jinghata appuntu ghal hekk.

Is-socjeta’ konvenuta qed tippretendi wkoll li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tac-citazzjoni kif hemm mitlub fid-disgha talba attrici. Izda dana l-argument ma jregiex billi t-talba ghall imghax mid-data tas-sentenza hija biss bhala imghax ulterjuri fuq il-kapital u imghax li hu diga dovut.

L-istess jghodd ghat talba ghall imghax kompost. Veru li l-ftehim kien ghal imghax ta’ 7% imma meta s-socjeta’ konvenuta ma onoratx il-ftehim, is-socjeta’ attrici kienet intitolata bil-ligi li titlob imghax fuq imghax basta li l-imghax jintalab ghal zmien ta’ mhux anqas min sena u li saret talba gudizzjarja (kif fil-fatt saret) ghall imghax kompost. (ara artikoli 1142, 1139 u 1850(2) Kap 16.

Kwantu ghal multiplikazzjoni ta’ talbiet li s-socjeta’ konvenuta oggezzjonat ghalihom il-Qorti taqbel li dawn it-talbiet setghu jigu konfezzonati b’mod aktar konciz b’inqas repetizzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa’ t-talbiet attrici u
Tikkundannata lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebgha u hamsin elf u sitt euro u tnejn u hamsin centezmi (Euro 57,006.52) – (Lm24,472.90) oltre l-imghax ta’ disat elef sitt mija u tlieta u erbghin euro

u wiehed u sittin centezmi (Euro 9643.61) - (Lm4,140) kif mitluba fit-tielet talba;

Tikkundanna wkoll lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tnejn u tletin elf, mitejn u tnejn u ghoxrin euro u tnejn u ghoxrin centezmi (Euro 32,222.22) – (Lm13,833) oltre l-imghax ta' hamest elef, erba' mija u hamsin euro u tlieta u sebghin centezmi (Euro 5,450.73) – (Lm2,340) kif mitluba fis-seba' talba;

Stante li diversi talbiet setghu jigu evitati l-ispejjez jithallsu kwantu ghall 9/10 mis-socjeta' konvenuta u 1/10 mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------